# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 397/2016

**Il-Pulizija**

**(Spt. Maria Stella Attard)**

**vs**

**Antoine Micallef**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Antoine Micallef, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 361078M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-1 ta' Jannar, 2016 ghall-habta ta' 03:46hrs gewwa Marsa Bypass (under pepsi bridge), Hamrun;

1. Saq jew pprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi, skond Kap 65 Art. 15A (1);

2. Saq jew pprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur ohra fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tkun izjed mil-limitu preskritt skond Kap 65 Art. 15B (1)

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-5 ta' Lulju, 2016 li biha sabet lill-appellat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal-twiddiba.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-1 ta' Awwissu, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, tghaddi sabiex tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti fejn lill-appellat kkundannatu ghal piena ta' twiddiba u minflok tirriformaha billi tinfliggi piena li hija fix-xorta jew kwantita' taghha dik kontemplata fil-Ligi ghar-reati li taghhom l-appellat instab hati.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Avukat Generali u tad-difensur tal-appellat;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi fis-seduta tad-19 ta' Jannar, 2017, l-appellat eccepixxa n-nullita' tar-rikors tal-appell tal-Avukat Generali stante illi fil-paragrafu (c) tieghu jindika bhala appellat lil certu Dylan Zammit minflok lill-appellat;

2. Din l-eccezzjoni ghalhekk ser tkun trattata qabel l-appell tal-Avukat Generali, izda ftit li xejn hemm x' jinghad in rigward ghajr illi hija wahda fierha. Ir-rikors tal-Avukat Generali huwa in piena konformita' mar-rekwiziti kif ravvizati fl-artikolu 419(1) tal-Kodici Kriminali u ma jippekka minn ebda nuqqas ta' formalita'. Huwa minnu illi meta l-Avukat Generali f'paragrafu minnhom, dak mmarkat bhala 'C' wara li jipremetti illi kienet inghatat sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Antoine Micallef fil-5 ta' Lulju 2016, aktar 'l isfel isemmi lil Dylan Zammit bhala l-persuna misjuba hatja. Ma hemm xejn fatali f'dan il-*lapsus* ghaliex kollox jindika li l-proceduri kienu kontra l-appellat u t-talba tal-Avukat Generali hija ghar-riforma tas-sentenza moghtija fil-konfront tal-appellat korrettament deskritt. Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tkun michuda;

3. L-Avukat Generali jilmenta mill-fatt illi minkejja li l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellat, erogat piena li mhix skond il-ligi. Ezaminati l-atti (minn fejn jirrizulta PIRS report li huwa estraneu ghall-dawn il-proceduri ghaliex jidher li jappartjeni ghall-xi proceduri ohra – fol 10 sa 14) jemergi illi l-appellat kien intercettat qed isuq vettura bil-mutur taht l-effett tal-alkohol u minn ezami tan-nifs tieghu rrizulta livell ta' 041.5 ug/100ml. Dan huwa in eccess ta' dak permess mil-ligi igifieri ta' 35 mikrogramma ta' alkohol f'100

millilitru ta' nifs fit-termini tal-artikolu 15I(1) tal-Kaptiolu 65 tal-ligijiet ta' Malta;

4. L-artikolu 15H tal-istess Kapitolu jirraviza piena ta' multa ta' mhux anqas minn €1200 jew prigunerija ghall-mhux izjed minn tliet xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien f'kaz ta' sejbien ta' htija ghall-ewwel darba. B'zieda ma' dan, il-Qorti ghandha ukoll tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal mhux anqas minn sitt xhur ukoll fil-kaz tal-ewwel kundanna (proviso artikolu 15H). Din l-iskwalifika izda, hija biss tassattiva meta, f'kaz ta' ezami tan-nifs, l-livell tal-alkohol ikun jaqbez il-limitu preskritt, igifieri il-35 mg, bi tmien mg jew izjed, li mhux il-kaz odjern;

5. Il-piena erogata mill-ewwel Qorti, dik ta' twiddiba, certament mhix dik ravvizata fil-ligi kif demostrat *supra*. Ghalhekk l-ewwel Qorti kkominat piena li mhix fil-parametri tal-ligi u konsegwentement l-Avukat Generali ghandu ragun fl-appell tieghu;

6. Ghal dawn il-motivi, l-appell tal-Avukat Generali qed ikun milqugh u s-sentenza appellata qed tkun riformata billi filwaqt illi qed tkun konfermata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, qed tkun mhassra f'dik il-parti fejn kien ikkundannat ghall-twiddiba u minflok qed tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' €1200.

Giovanni Grixti

Imhallef